

Il-Ġurnal Uffiċjali

C 276

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 60

19 ta' Awwissu 2017

Werrej

IV Informazzjoni

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

| | | |
|---------------|--------------------------------|---|
| 2017/C 276/01 | Rata tal-kambju tal-euro | 1 |
|---------------|--------------------------------|---|

V Avviżi

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

| | | |
|---------------|---|---|
| 2017/C 276/02 | Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8593 — CVC/PAI/Cortefiel) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ⁽¹⁾ | 2 |
| 2017/C 276/03 | Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8596 — Colindale/Goldman Sachs/JRE) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ⁽¹⁾ | 3 |

ATTI OĦRAJN

Il-Kummissjoni Ewropea

| | | |
|---------------|--|---|
| 2017/C 276/04 | Avviż dwar talba skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva 2014/25/UE — Talba ta' entità kontraenti — estensjoni tal-iskadenza | 4 |
|---------------|--|---|

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾

It-18 ta' Awwissu 2017

(2017/C 276/01)

1 euro =

| Munita | Rata tal-kambju | Munita | Rata tal-kambju | | |
|--------|--------------------|---------|-----------------|---------------------------|-----------|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,1740 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,4859 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 128,02 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 9,1831 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4363 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,6035 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,91188 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,6014 |
| SEK | Krona Żvediża | 9,5370 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 339,99 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,1287 | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 15,5257 |
| ISK | Krona İzlandiża | | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 7,8332 |
| NOK | Krona Norveġiża | 9,3183 | HRK | Kuna Kroata | 7,4020 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 15 689,33 |
| CZK | Krona Ċeka | 26,108 | MYR | Ringgit Malajjan | 5,0412 |
| HUF | Forint Ungeriż | 303,56 | PHP | Peso Filippin | 60,531 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,2807 | RUB | Rouble Russu | 69,7304 |
| RON | Leu Rumun | 4,5900 | THB | Baht Tajlandiż | 38,989 |
| TRY | Lira Turka | 4,1376 | BRL | Real Brażiljan | 3,7185 |
| AUD | Dollaru Awstraljan | 1,4830 | MXN | Peso Messikan | 20,9958 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 75,3065 |

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

V

(Avviżi)

PROCĊDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA
TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8593 — CVC/PAI/Cortefiel)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 276/02)

1. Fil-11 ta' Awwissu 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha CVC Capital Partners SICAV-FIS S.A. ("CVC", il-Lussemburgu) u PAI Partners S.A.S. ("PAI", Franza) jakkwistaw indirettament fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Cortefiel S.A. ("Cortefiel", Spanja) permezz tax-xiri ta' ishma.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:
 - għal CVC: Il-Grupp CVC jipprovdi pariri u jimmaniġġa fondi u pjattaformi tal-investment.
 - għal PAI: PAI hija kumpanija ta' ekwiżità privata li timmaniġġa u toffri konsulenza lil numru ta' fondi li huma sidien ta' kumpaniji f'diversi setturi tan-negozju, bħas-servizzi tan-negozju, il-prodotti tal-ikel u tal-konsumatur, l-industriji ġenerali, il-kura tas-saħħa, u l-bejgħ bl-impnut u d-distribuzzjoni.
 - għal Cortefiel: Cortefiel hija attiva fil-produzzjoni u fid-distribuzzjoni bl-impnut tal-ħwejjeġ u, sa ċertu punt, id-distribuzzjoni bl-impnut tax-xedd tas-saqajn u l-aċċessorji.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301), bil-posta elettronika lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, bir-referenza M.8593 — CVC/PAI/Cortefiel, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.8596 — Colindale/Goldman Sachs/JRE)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2017/C 276/03)

1. Fil-11 ta' Awwissu 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha Colindale Investment Private Limited ("Colindale") (Singapore), ikkontrollata indirettament minn GIC Private Limited ("GIC" Singapore), u JLQ2 GK (JLQ2) sussidjarja akkwiziżta totalment ta' The Goldman Sachs Group, Inc. ("Goldman Sachs") (l-Istati Uniti tal-Amerika) jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tal-impriża GS Renewable Holdings GK ("GSRH"), li hija mija fil-mija l-impriża prinċipali ta' Japan Renewable Energy Corporation ("JRE") (il-Ġappun) permezz tax-xiri ta' ishma.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:
 - Colindale hija mezz ta' investiment ġestita minn GIC Special Investments Private Limited ("GICSI"). GICSI hija sussidjarja ta' GIC Private Limited (GIC u flimkien mal-kumpaniji kollha tal-grupp GIC, il-"Grupp GIC"). GICSI tiġġestixxi portafoll globali diversifikat ta' investimenti fl-ekwità privata, kapital ta' riskju u fondi infrastrutturali, kif ukoll finvestimenti diretti f'kumpaniji privati.
 - Goldman Sachs tipprovdi servizzi bankarji globali ta' investiment, garanziji u ġestjoni ta' kumpaniji ta' investiment li jipprovdu firxa ta' prodotti bankarji, garanziji u servizzi ta' investiment.
 - JRE huwa żviluppatur, sid u operatur ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli b'attivitajiet ta' negozju fil-Ġappun biss.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ ta' min jinnotta li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301) bl-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, bir-referenza M.8596 — Colindale/Goldman Sachs/JRE, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż dwar talba skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva 2014/25/UE

Talba ta' entità kontraenti — estenzjoni tal-iskadenza

(2017/C 276/04)

Fit-2 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni rċeviet talba skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾.

Din it-talba tar-Repubblika Ċeka għandha x'taqsam ma' ċerti attivitajiet fis-suq bl-imnut tal-elettriku u tal-gass fir-Repubblika Ċeka. L-avviż rilevanti ġie ppubblikat fil-paġna 10 tal-ĠU C 23 fl-24 ta' Jannar 2017. Ġie ppubblikat avviż ta' estenzjoni fil-paġna 10 tal-ĠU C 167 fil-25 ta' Mejju 2017. L-iskadenza estiża li ġiet miftehma kienet is-6 ta' Settembru 2017.

Skont ir-raba' sottoparagrafu tal-punt 1 tal-Anness IV tad-Direttiva 2014/25/UE, l-iskadenza tista' testendiha l-Kummissjoni bil-kunsens ta' dawk li talbu l-eżenzjoni kkonċernata. Peress li trid tinkiseb u tiġi analizzata aktar informazzjoni, u bil-kunsens tal-applikant, iż-żmien li għandha l-Kummissjoni biex tiddeċiedi fuq din it-talba, b'dan qed jiġi estiż bi 12-il ġimgħa.

Għalhekk l-iskadenza aħħarija hija d-29 ta' Novembru 2017.

⁽¹⁾ Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT